



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14168/23

LIMITE

COPS 485
CFSP/PESC 1393
CIVCOM 245
CSDP/PSDC 704
RELEX 1180
JAI 1310
PSC DEC 48
MOG 138
EUBAM RAFAH 12

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/2/2023)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni
tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah
(EU BAM Rafah)
(EU BAM Rafah/2/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-28 ta' Ġunju 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1350¹, li testendi l-mandat tas-Sur Mihai-Florin BULGARIU bħala l-Kap tal-Missjoni EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Ottubru 2023.
- (3) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1303², li testendi l-mandat ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (4) Fit-18 ta' Ottubru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1350 tat-28 ta' Ġunju 2023 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2022) (ĠU L 168, 3.7.2023, p. 43).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1303 tas-26 ta' Ġunju 2023 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 64).

Artikolu 1

Is-Sa Nataliya APOSTOLOVA hija b'dan maħtura b'ħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntiera għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) mill-1 ta' Novembru 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-25 ta' Ottubru 2023.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
